

Brussell, 28 ta' April 2026
(OR. en)

8311/26

CULT 47

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pjan ta' ħidma tal-UE għall-kultura 2027-2030 - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) tat-12 ta' Mejju 2026.

Nota ta' gwida

Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2027 - 2030: skambju ta' fehmiet

Sfond u kuntest

Mill-2011 'l hawn, il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura ("il-Pjan(ijiet) ta' Ħidma") sawru prijoritajiet pluriennali fil-qasam tal-kultura, li jiggwidaw il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kunsill, u l-Kummissjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà għall-politiki kulturali tagħhom stess, dawk il-Pjanijiet ta' Ħidma qdew rwol konsiderevoli biex jinfurmaw azzjonijiet li jappoġġaw, jikkoordinaw, jew jissupplimentaw il-politiki kulturali nazzjonali u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għas-setturi kulturali u kreattivi madwar l-Unjoni Ewropea, f'konformità mar-rwol tal-Kunsill skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-oriġini tal-Pjanijiet ta' Ħidma jmorru lura għall-ewwel Aġenda Ewropea għall-Kultura adottata fl-2007. Dik l-Aġenda kienet pass importanti billi ħolqot viżjoni komuni għall-kooperazzjoni kulturali bejn l-Istati Membri, stabbiliet objettivi komuni u għarfet il-kultura bħala mutur ewlieni għall-koeżjoni soċjali, it- tkabbir ekonomiku, u l-integrazzjoni Ewropea. Il-Pjanijiet ta' Ħidma sussegwenti bnew fuq dawk is-sisien, u sarrfu l-prijoritajiet tal-Aġenda f'azzjonijiet prattiċi u strateġiji li qed jiżviluppaw bi tweġiba għaċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet li qed jinbidlu.

Pjanijiet ta' Ħidma Preċedenti u oqsma ta' prijorità ewlenin

S'issa, ġew implimentati erba' Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura: 2011–2014, 2015–2018, 2019–2022, u 2023–2026. Kull pjan bena fuq il-predeċessur tiegħu, u saħħaħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà filwaqt li wieġeb għall-isfidi ġeopolitiċi, ekonomiċi u soċjali emerġenti u li għaddejjin bħalissa. L-azzjonijiet u l-metodi ta' ħidma żviluppaw madwar diversi oqsma ta' prijorità ewlenin, fosthom:

- id-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali
- l-appoġġ għas-setturi kulturali u kreattivi biex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-setturi
- il-ħiliet u l-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti
- il-wirt kulturali u s-sostenibbiltà
- il-kultura fir-relazzjonijiet esterni/internazzjonali
- l-istatistika dwar il-kultura
- il-kultura aċċessibbli u inklużiva
- il-koeżjoni soċjali u l-benesseri
- l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Pjan ta' Ħidma attwali tal-UE għall-Kultura (2023–2026)

Il-Pjan ta' Ħidma attwali (2023–2026)¹ huwa strutturat madwar erba' prijoritàjiet ewlenin: (i) artisti u professjonisti kulturali, (ii) kultura għan-nies, (iii) kultura għall-pjaneta, u (iv) sħubijiet kokreattivi. Huwa stabbilixxa 21 azzjoni u wassal għal rapporti kkoordinati, minn gruppi ta' esperti dwar suġġetti bħall-kultura u s-saħħa, it-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi kulturali u kreattivi, ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, u r-rwoli tal-libreriji pubbliċi.

¹ ĠU C 466, 7.12.2022, pp. 1–18

Barra minn hekk, il-Pjan ta' Ħidma għen biex jiġu definiti temi ta' prijorità għall-presidenzi li jmiss tal-Kunsill tal-UE. Dawk it-temi ggwidaw it-twettiq tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, il-konferenzi tal-presidenza, u d-diskussjonijiet ministerjali informali. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kuntesti politiċi, ekonomiċi u soċjali esterni - kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali - jistgħu jeħtieġu flessibilità u adattabilità fl-aġendi tal-presidenza, il-Pjan ta' Ħidma attwali stabbilixxa aġenda ta' politika li tħares 'il quddiem.

Evalwazzjoni preliminari u sfidi

Għalkemm ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023–2026 huwa mistenni f'Ġunju 2026, ir-riżultati tal-evalwazzjoni preliminari² jissuġġerixxu li l-Pjan ta' Ħidma għadu jaqdi l-għan ewlieni tiegħu li jipprovdi gwida strateġika għall-kooperazzjoni kulturali bejn l-Istati Membri fil-livell tal-UE. Fost il-punti b'saħħithom ewlenin identifikati nsibu l-appoġġ għall-Istati Membri permezz ta' taġlim u kooperazzjoni bejn il-pari, allinjament b'saħħtu mal-prijoritajiet nazzjonali, u l-promozzjoni ta' impatt transsettorjali, partikolarment fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-sostenibilità. Madankollu, għad fadal xi sfidi, bħall-impatt mhux uniformi madwar l-Istati Membri u ċarezza, viżibilità u segwitu limitati, kif ukoll nuqqasijiet fil-finanzjament u kwistjonijiet emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali.

Kunsiderazzjonijiet għall-Pjan ta' Ħidma 2027–2030

Kull tiġdid tal-Pjan ta' Ħidma jipprovdi opportunità biex issir riflessjoni dwar ix-xenarju u r-realtajiet attwali, mhux biss fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi iżda wkoll lil hinn minnhom - minħabba n-natura trażversali tal-kultura u l-importanza tagħha bħala pilastru tal-integrazzjoni Ewropea, il-koeżjoni soċjali, it-tkabbir ekonomiku, u r-reżiljenza demokratika. Għandha tingħata wkoll kunsiderazzjoni lill-kuntest tal-politika li fih ser jiġi abbozzat il-Pjan ta' Ħidma li jmiss. It-tnejjijiet għaċ-ċiklu li jmiss jiġu fi żmien meta x-xenarju kulturali qed jevolvi minħabba diversi fatturi trasformattivi: bidliet ġeopolitiċi u l-importanza dejjem akbar tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni u r-reżiljenza demokratika; it-trasformazzjoni diġitali, inkluż l-evoluzzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (IA); l-imperattivi klimatiċi u ta' sostenibilità; il-parteċipazzjoni kulturali u l-koeżjoni soċjali; u kwistjonijiet aktar mifruxa fir-rigward tal-oqfsa ekonomiċi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. B'mod importanti, il-Pjan ta' Ħidma li jmiss ser jiġi żviluppat flimkien mal-Boxxla Kulturali l-ġdida għall-Ewropa, li ser tissostitwixxi l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura (il-qafas għall-politika

² Preżentazzjoni tal-Kummissjoni lis-CAC f'Marzu 2026.

kulturali tal-UE sa mill-2018). Il-Boxxla Kulturali tipprovdi qafas strateġiku u tiddekrivi l-ambizzjoni politika u l-viżjoni għad-direzzjoni futura tal-politika dwar il-kultura. Waħda mill-isfidi ewlenin għall-Pjan ta' Ħidma li jmiss hija li dik l-ambizzjoni tissarraff fi prijoritajiet konkreti, metodi ta' ħidma effettivi, u kooperazzjoni li tista' titkejjel fost l-Istati Membri. Huwa essenzjali li nqisu kif l-aħjar nagħmlu Pjan ta' Ħidma sod, validu għall-futur, u adattat li jżomm il-prijoritajiet dejjiema tal-Kunsill filwaqt li jipprovdi mekkaniżmi biex jindirizza kwistjonijiet emerġenti.

Mistoqsijiet ewlenin għall-kunsiderazzjoni

Fil-kuntest ta' dan ta' hawn fuq, il-presidenza tistieden lill-ministri jqisu l-mistoqsijiet li ġejjin għad-diskussjoni:

1. Liema suġġetti ta' politika kulturali għandhom jingħataw prijorità mill-Kunsill matul il-perjodu tal-Pjan ta' Ħidma 2027–2030, u liema azzjonijiet speċifiċi tal-Kunsill l-aħjar li jindirizzawhom?
2. B'liema modi jistgħu dawk il-prijoritajiet jindirizzaw l-isfidi attwali u jallinjaw mal-Boxxla Kulturali u ma' oqfsa ta' politika rilevanti oħra, filwaqt li jiżguraw biżżejjed flessibbiltà biex jadattaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu?